# Il-ktieb jieħu l-ħajja



# Qabel tibda...

- L-ewwel ħaġa trid tniżżel l-app bl-isem Aurasma. Tista' tniżżilha bla ħlas għall-apparat li juża kemm sistema Android u kemm sistema iOS (iPhone jew iPad).
- Wara li tinstallaha, irreġistra. Agħżel "username" u "password" li tixtieq.
- Kif tkun lestejt il-proċess kollu tar-reġistrazzjoni, idħol fl-app u agħfas is-"**Search**" Fittex **Senduq**.
- Meta l-app issiblek iċ-"**Channel**" bl-isem **Senduq,** agħfas fuqu u wara agħżel "**Follow**".

Minn issa 'l quddiem tista' tibda tuża l-Aurasma mal-ktieb.
L-istudenti jistgħu jużaw l-istess "username" u "password" tal-għalliem/a u b'hekk ma jkollhomx ħtieġa jagħmlu "**Follow**"**.**

Dawn huma l-partijiet mill-ktieb lejn fejn trid timmira l-mowbajl jew it-"**tablet**".

| **Parti mill-ktieb lejn fejn timmira** | **Deskrizzjoni** |
| --- | --- |
| *Paġna 5*  | Tidher it-tifla tgħid il-kliem: **"Uff! Illum ħaxix,"..."Mgħandix aptit patata maxx lanqas!"** |



| **Parti mill-ktieb lejn fejn timmira** | **Deskrizzjoni** |
| --- | --- |
| *Paġna 58*  Fatt Xi oġġetti jinbidlu u qatt ma jerġgħu jiġu l-istess. Il-ħadid jissaddad meta l-ilma u l-ossiġnu li jkun fl-arja jmissu miegħu. | Tara filmat "Time lapse" ta' sadid qed jifforma. |

**Parti mill-ktieb lejn fejn timmira** | **Deskrizzjoni**

*Paġna 52*




Jitla' ritratt ta' Nicolò Isouard għal ftit sekondi, u wara tintbagħat fuq Youtube biex tisma' kompożizzjoni tiegħu.

*Paġna 53*



Jitla' ritratt ta' Mozart għal ftit sekondi, u wara tintbagħat fuq Youtube biex tisma' kompożizzjoni tiegħu.

*Paġna 56*



Tara lill-kaxxa tgħid: "**Kemm int sabiħa...**" sa "**...tiddejjaq żgur.**"



**Parti mill-ktieb lejn fejn timmira** | **Deskrizzjoni**

*Paġna 7*




Tara animazzjoni li tispjega x'inhuma karboidrati.

*Paġna 10*



Tara u tisma' l-karattru tax-xellug ikanta l-Innu Malti.

*Paġna 11*




Tara u tisma' lil Dun Karm jirreċita l-Innu Malti.

| Parti mill-ktieb lejn fejn timmira | Deskrizzjoni |
|---|---|
| *Paġna 15*<br> | Tara filmat tal-"London Eye". |
| *Paġna 17*<br><br> | Tara filmat ta' ferroviji għaddejjin. |
| *Paġna 20*<br> | Tara filmat antik fuq l-ewwel titjira tal-aħwa Wright. |



| Parti mill-ktieb lejn fejn timmira | Deskrizzjoni |
|---|---|
| *Paġna 45*<br><br> | Tara filmat ta' girna, minn barra u minn ġewwa. |
| *Paġna 46*<br><br> | Tara karattru li jirrappreżenta "solar water heater" jaqra l-poeżija. |
| *Paġna 51*<br> | Tara filmat li jispjega kif jagħmlu pjanu, minn injam sal-prodott finali. |

| Parti mill-ktieb lejn fejn timmira | Deskrizzjoni |
| --- | --- |

*Paġna 41*




Tara filmat ta' balena titla' fil-wiċċ biex tieħu n-nifs.

*Paġna 41*




Tara lill-missier jgħid il-kliem:
"**Rajt! Għalhekk ngħidlek biex ma ddumx tinħasel!**"

*Paġna 42*




Tara lit-tifla tgħid il-kliem minn:
"**Allura bdejt....**" sa "....**kemm nidħak!**"



| Parti mill-ktieb lejn fejn timmira | Deskrizzjoni |
| --- | --- |

*Paġna 24*


1. L-ewwel xarrab il-boroż tat-te bi ftit misħun u żelligħom mal-karti A4 biex jiġu jidhru antiki.
2. Aqta' biċċa kartuna rrigata li tiġi d-doppju ta' karta A4 u għawwiġha sabiex tifforma l-qoxra tal-ktieb.
3. Taqqab il-karti A4 kif ukoll il-kartuna min-nofs bit-taqqaba.
4. Daħħal il-karti A4 qalb il-kartuna mgħawġa.
5. Daħħal iż-żigarella biex iżżomm il-karti A4 u l-kartuna f'daqqa.
6. Żejjen il-faċċata billi tuża l-fojl, iż-żebgħa u l-fossa tal-kulur.

Tara filmat li jispjegalek kif tagħmel dan il-ktieb tas-sħarijiet.

*Paġna 29*



Tara filmat fuq kif jiġu d-dellijiet.

*Paġna 30*



Tara filmat li juri d-diversi bibien antiki tal-Belt, u fl-aħħar, id-daħla l-ġdida.

| Parti mill-ktieb lejn fejn timmira | Deskrizzjoni |
|---|---|
| *Paġna 37*  | Tara filmat tan-naħal idur fuq il-fjuri. |
| *Paġna 37*  | Tara filmat ta' ħafna nannakoli għaddejjin għal xogħolhom. |
| *Paġna 37*  | Tara filmat li jispjega l-fażijiet differenti tal-ħajja ta' farfett. |



| Parti mill-ktieb lejn fejn timmira | Deskrizzjoni |
|---|---|
| *Paġna 38*  | Tara filmat li juri dniefel għaddejjin jgħumu. |
| *Paġna 38*  | Tara filmat li juri l-ħajja ta' żrinġ minn bajda sa adult. |
| *Paġna 39*  | Tara filmat li juri kif il-kamaleonte kapaċi jbiddel il-kulur. |